

Konvenuti: Geos SAS, Geos International Consulting Limited

### Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 4(1) u 20(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (<sup>(1)</sup>) għandhom jiġi interpretati fis-sens li, fil-każ fejn huwa allegat, fil-konfront ta' kumpannija ddomiċiljata fit-territorju ta' Stat Membru u mħarrka minn ħaddiem quddiem il-qrati ta' dan l-Istat, li teżisti sitwazzjoni ta' impieg konġunt tal-istess ħaddiem impiegat minn kumpannija oħra, l-imsemmja qorti ma hijiex obbligata, sabiex tiddetermina l-ġurisdizzjoni tagħha tiddeċċiedi dwar it-talbiet imressqa kontra ż-żewġ kumpanniji, tevalwa minn qabel l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' impieg konġunt?
- 2) Għandhom l-istess artikoli jiġi interpretati fis-sens li, f'tali każ, l-awtonomija tar-regoli speċjali ta' ġurisdizzjoni fil-qasam ta' kuntratti individwali tax-xogħol ma tipprekludix l-applikazzjoni tar-regola ġenerali ta' ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-konvenut indikata fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1215/2012?

(<sup>(1)</sup>) ĠU 2012, L 351, p. 1.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ottubru 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) – il-Portugall) – LU vs Autoridade Tributária e Aduaneira**

**(Kawża C-314/20) (<sup>(1)</sup>)**

**(2022/C 2/31)**

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>(1)</sup>) Data tal-preżentata: 9.7.2020.